# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 69

L-Erbgħa 18 ta' Lulju, 2018

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**69.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-68.

**69.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 68 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**69.3.01** *Stima għat-tiswija fil-latrina pubblika.* Il-Kunsill ġabar stima biex jitranġaw xi ħsarat li hemm fil-latrina pubblika. L-istima hija ta' madwar €332. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

**69.3.02** *Ħarġiet fis-sajf.* Is-Sindku talab sabiex jiġu organizzati l-attivitajiet tas-sajf : dawra bit-train u ħarġa għall-Splash & Fun. Il-Kunsilliera qablu li dawn l-attivitajiet isiru matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru.

**69.3.03** *Cirkulari Numru SPI 9/2018 – Skema Finanzjara Favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Reġjonali.* L-għan ta' din l-iskema hu li l-libreriji lokali jkunu komdi u attrezzati kif suppost u jipprovdu servizz ta' kwalita' biex iktar iħaju liċ-ċittadini jagħmlu użu minnhom. Din l-Iskema tiffinanzja 50% tal-ispiża sa' €600. Il-Kunsill ser japplika sabiex ikun jista' jkabbar il-librerija permess ta' "foam filled panels".

**69.3.04** *Korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar PC 0073/18.* Shifting of road alignment fi Sqaq tal-Qattus off Triq ta' Għammar. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni għal dan it-tibdil fil-linja tat-triq.

**69.3.05** *Wied il-Għasri.* Il-Kunsill irċieva email mingħand viżitatur tal-Għasri fejn ġibed l-attenzjoni dwar il-qtugħ ta' ħaxix u mod kif qed jithalla niexef matul it-triq li qed ikun ta' periklu kbir. Hu ma jaqbilx li dan il-ħaxix jinqata. Iżda, l-Kunsill jirċievi ħafna lmenti dwar il-bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix mit-toroq. Il-Kunsilliera ma qablux mas-suġġeriment tiegħu li ma jinqatax il-ħaxix ħażin.

**69.3.06** *Mix and Move.* Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar European Mobility Week bejn is-16 u t-22 ta' Settembru.

**69.3.07** *IPS Circular No. 05/2018* Sponsorship to Attend International Events.

**69.3.08** *Avviż Legali 222 tal-2018* Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali.

**69.3.09** *Ittra mill-ARPA dwar Programm ta' L-Iżvilupp Rurali 2014-2020 . Sotto Miżura 4.3* Il-Kunsill ġie nformat li ser jingħata ħlas bil-quddiem (Advanced Payment ta' 189,229.10) b'rabta ma' kin il-miżura.

**69.3.10** *Instruction Note 5* dwar Rural Development Programme for Malta 2014-2020 of the European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD).

**69.3.11** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar in-numru kbir ta' ilmenti li qed jirċievi dwar in-nuqqas ta' ndafa u qtugħ ta' ħaxix ħażin fir-raħal. Il-kuntratt tal-kuntrattur preżenti huwa għal perjodu ta' sena iżda li jistgħa jiġġeded għal żmien ta' tlett snin. Il-Kunsilliera kollha qablu li dan il-kuntratt m'għandux jiġġeded għat-tielet sena u l-Kunsill għandu jagħmel użu mill-ħaddiema tal-iskema għas-servizz ta' qtugh ta' ħaxix u knis.

## 69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**69.4.01** Fuq talba tal-Kunsillier Joe Farrugia li għamel fl-aħħar laqgħa biex titranġa l-area ta' qabel niżla għall-bajja ta' Wied il-Għasri, is-Segretarja ppreżentat pjanta mid-Dipartiment tal-artijet fejn hemm ddikjarat li din l-art hija tal-gvern. Il-Kunsillier Sandra Mifsud qalet li hi bidlet il-feħma tagħha u taqbel li jsir patching bit-turba f'din l-area iżda mhux bil-konkos. Il-Kunsilliera kollha qablu li jsir patching bit-turba li jiġi rromblat. Is-Sindku talab sabiex issir talba lil-Ministeru għal Għawdex u l-Awtorita' tal-Ippjanar biex din l-area titranġa b'mezz permanenti.

## 69.5 Rapporti:

**69.5.01** Approvazzjoni tal-Budget 2018 – Amendat. Il-Kunsill ġie mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jammenda l-budget peress li kien hemm żbal, *Net Assets do not match Reserves.* Dan ġie amendat, u approvat mill-Kunsill.

## 69.6 Offerta għar-restawr tan-Niċċa.

**69.6.01** L-offerta għar-restawr tan-Niċċa fil-Wesgħa Dun Ġużepp Buttigieg qalqet nhar it-Tnejn 16 ta'Lulju. Ma kienx hemm offerenti. Il-Kunsilliera qablu li din l-offerta terġa tinħareġ.

## 69.7 Aġġornament tax-xogħol fit-Toroq – Measure 4.3 u Toroq fil-Lokalita' Tiegħek.

**69.7.01** *Measure 4.3* - Ix-xogħol fi Triq Wied il-Għasri beda. Qed issir tibdil tal-main tal-l-ilma. Il-Kunsill ġie nformat mill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma li hemm il-ħsieb li jsir xi xogħol fuq il-mains tad-drenaġġ ukoll. Is-Segretarja nformathom li dan ix-xogħol ma jistax itawwal iż-zmien peress li hemm "deadline" strett ħafna.

Is-Sid tal-propjeta fi n/s/ off Triq Wied il-Ghasri ser jiffinanza sabiex titranġa l-aċċess għal-propjeta tiegħu.

**69.7.02** Il-Kunsill għadu qed jistenna l-permess jiġġeded mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar għat-twessieh ta' parti minn Triq il-Gonna.

**68.8.01** Toroq fil-Lokalita' Tiegħek – Il-Kunsill għandu jibgħat ittra fid-djar ta' Toroq San Pupulju, id-Dehra u Dun Ġużepp Cassar biex jinforma lil dawn ir-residenti li ser jibda xogħol f'dawn it-toroq f'Ottubtru.

## 69.8 Attivita' f'Settembru – Traditions: Wine, Olive Oil & Honey.

**69.8.01** Is-Segretarja irċiviet talba sabiex ikun hemm il-parteċipazzjoni ta' "Dash of Goodness" waqt l-attivita' tat-Traditions. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba peress li din l-attivita sservi bħala fund raising għall-kumitat tal-festa.

## 69.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti.

**69.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-069 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 6.10 Mozzjonijiet.

**69.10.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 69.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**69.11.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Awwissu fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum l-Erbgħa 18 ta' Lulju 2018

**IFFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv